KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fis-27 ta' Ġunju 2018 [1]

Kawża C-380/17

Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie,
K,
B
fil-preżenza ta'
H. Y. [2],
Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/86 – Dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni magħmula applikabbli b'mod direttu u inkundizzjonat permezz tad-dritt nazzjonali – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja – Sistema iktar favorevoli għar-refuġjati – It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) – Ċaħda ta' applikazzjoni – Nuqqas ta' osservanza tat-terminu ta' tliet xhur wara l-għoti tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja – Terminu indikattiv"

I. Introduzzjoni

1. Fil-preżenti rinviju għal deċiżjoni preliminari, magħmul mir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi), il-Qorti tal-Ġustizzja hija, minn naħa, mitluba sabiex tiddeċiedi fuq il-ġurisdizzjoni proprja tagħha sabiex tinterpreta d-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja [3], f'kuntest fejn, minkejja li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija eskluża espliċitament mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-att, id-dritt nazzjonali li jittrasponi din id-direttiva kellu l-intenzjoni li jestendi b'mod unilaterali l-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva sabiex ikopri sitwazzjoni ta' dan it-tip. Din id-domanda tqajmet ukoll fil-Kawża C-257/17, C u A, li l-konklużjonijiet tiegħi dwarha huma ppreżentati f'dan l-istess jum.

2. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tiddeċiedi fuq in-natura tat-terminu ta' tliet xhur imniżżel fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86, b'mod partikolari fuq il-kwistjoni dwar jekk l-awtoritajiet nazzjonali għandhomx id-dritt li jirrifjutaw l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja għas-sempliċi raġuni li l-imsemmi terminu nqabeż.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-qorti tar-rinviju informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li peress li s-Segretarju tal-Olanda għas-Sigurtà u l-Ġustizzja, iktar 'il quddiem is-"Segretarju tal-Istat") kien irtira mill-kawża li tikkonċerna lir-rikorrent H. Y., hija indikat li ser iżżomm it-totalità tad-domandi tagħha marbuta mal-kawżi li jinvolvu lil K u B.

3 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224.

II. Il-kuntest ġuridiku u fattwali

A. Id-dritt internazzjonali

3. L-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal adottata u miftuħa għall-iffirmar, ir-ratifika u l-adeżjoni mill-Assemblea Ġenerali fir-riżoluzzjoni 44/25 tagħha tal-20 ta' Novembru 1989 jistabbilixxi li "fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw it-tfal, l-aħjar interess tagħhom għandu jkun kunsiderazzjoni primarja" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4. Skont l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, iktar 'il quddiem il-"KEDB", intitolat, "Dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja":

"Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu."

B. Id-dritt tal-Unjoni

5. L-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [4] (iktar 'il quddiem il-"Karta"), intitolat "Ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja" jipprovdi:

"Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha."

6. L-Artikolu 24(2) u (3) tal-Karta jistabbilixxi:

"(2) Fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja.

(3) It-tfal kollha għandhom id-dritt li jkollhom, regolarment, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri, sakemm dan ma jkunx kontra l-interessi tat-tfal."

7. Id-Direttiva 2003/86 tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom huwa eżerċitat id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja li jibbenefikaw minnu ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirresjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri. Skont il-premessa 2 tagħha, din id-direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali, partikolarment id-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja, stabbilit f'bosta strumenti tad-dritt internazzjonali, fosthom, b'mod partikolari, l-Artikolu 8 tal-KEDB u l-Artikolu 7 tal-Karta, imsemmija iktar 'il fuq.

8. Skont il-premessa 8 tad-Direttiva 2003/86, "[a]ttenzjoni speċjali għandha tingħata lis-sitwazzjoni ta' refuġjati minħabba r-raġunijiet li jobbligawhom jaħarbu pajjiżhom u jimpeduhom milli jgħixu ħajja tal-familja normali hemm. Kondizzjonijiet iktar favorevoli għandhom għalhekk ikunu preskritti għall-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għar-riunifikazzjoni tal-familja".

4 ĠU 2012, C 326, p. 391.

9. Skont l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2003/86:

“Għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva:

b) ‘refuġjat’ tfisser kull ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna bla stat li jgawdi status ta’ refuġjat fit-tifsira tal-Konvenzjoni ta’ Ginevra dwar l-istatus ta’ refuġjati tat-28 ta’ Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll iffirmat fi New York fil-31 ta’ Jannar 1967”.

10. L-Artikolu 3(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/86 jipprovdi li “[d]in id-Direttiva ma tapplikax fejn l-isponsor ikun:

(ċ) awtorizzat li joqgħod fi Stat Membru fuq il-bażi ta’ forma sussidjarja ta’ protezzjoni skond obbligi internazzjonali, leġislazzjoni nazzjonali jew prattika ta’ l-Istati Membri jew qiegħed japplika għal awtorizzazzjoni biex joqgħod fuq dik il-bażi u qiegħed jistenna deċiżjoni dwar l-istatus tiegħu.”

11. L-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2003/86, jiddisponi li “[m]eta tkun eżaminata applikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-attenzjoni dovuta għall-aħjar interessi ta’ tfal minorenni”.

12. L-Artikolu 7(1) tad-Diretiva 2003/86, jistabbilixxi:

“Meta l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja tkun issottomessa, l-Istat Membru kkonċernat jista’ jirrikjedi l-persuna li tkun issottomettiet l-applikazzjoni biex tipprovdi xiehda li l-isponsor għandu:

a) akkomodazzjoni meqjusa bħala normali għal familja komparabbli fl-istess reġjun u li tissodisfa l-istandards ġenerali ta’ saħħa u sigurta fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat;

b) assigurazzjoni kontra l-mard fir-rigward tar-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini tiegħu stess fl-Istat Membru kkonċernat għalih innifsu/għaliha nnifisha u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha;

ċ) riżorsi stabbli u regolari li huma suffiċjenti biex iżomm lilu nnifsu/lilha nnifisha u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha, mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta’ għajnuna soċjali ta’ l-Istat Membru kkonċernat. Stati Membri għandhom jistmaw dawn ir-riżorsi b’referenza għan-natura u r-regolarita tagħhom u jistgħu jqisu il-livell ta’ pagi minimi nazzjonali u pensjonijiet kif ukoll in-numru ta’ membri tal-familja”.

13. Skont l-ewwel u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86, li jinsab fil-Kapitolu V tagħha, intitolat “Riunifikazzjoni tal-familja ta’ refuġjati”:

“Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 7, l-Istati Membri m’għandhomx jirrikjedu li r-refuġjat u/jew il-membri tal-familja jipprovdu, fir-rigward ta’ applikazzjonijiet dwar dawk il-membri tal-familja […], ix-xiehda li r-refuġjat jissodisfa r-rekwiżiti ddikjarati fl-Artikolu 7.

[…]

Stati Membri jistgħu jirrikjedu li r-refuġjat jissodisfa l-kondizzjonijiet li jirreferi għalihom l-Artikolu 7(1) jekk l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ma tkunx issottomessa fi żmien perjodu ta’ tliet xhur wara l-għoti ta’ l-istatus ta’ refuġjat.”

14. L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/86 jippreċiża:

"[l]-Istati Membri għandhom iqisu n-natura u s-soliditá tar-relazzjonijiet familjali tal-persuna u t-tul tar-residenza tiegħu (tagħha) fl-Istat Membru u ta' l-eżistenza ta' rbit familjali, kulturali u soċjali ma' pajjiżu/a ta' oriġini fil-każ li huma jiċħdu applikazzjoni, jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu permess ta' residenza jew jiddeċiedu li jordnaw it-tneħħija ta' l-isponsor jew membri tal-familja tiegħu."

15. L-Artikolu 2(1)(f) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija [5], jistabbilixxi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

f) 'persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja' tfisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li ma tikkwalifikax bħala refuġjat imma rigward min intwerew raġunijiet sostanzjali sabiex jitwemmen li l-persuna interessata, jekk tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha, jew fil-każ ta' persuna mingħajr stat, lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tagħha, tiffaċċja riskju veru li ssofri dannu serju kif definit fl-Artikolu 15, u li għaliha l-Artikolu 17(1) u (2) ma japplikax, u ma tistax, jew, minħabba f'dan ir-riskju, ma tixtieqx tapprofitta ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż."

C. Id-dritt Olandiż

16. Skont ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat), applikazzjoni għall-ħruġ ta' viża għal residenza ta' iktar minn tliet xhur, bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxi applikazzjoni għal dħul u għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja ta' refuġjat jew ta' benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja. Tali applikazzjoni hija ppreżentata għall-benefiċċju ta' membru tal-familja li jirresjedi barra mill-pajjiż jew jekk il-membru tal-familja jkun daħal fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-istess żmien bħall-isponsor. Wara l-preżentata ta' din l-applikazzjoni, is-Segretarju tal-Istat jista' jagħti ex officio lil dan il-membru tal-familja permess ta' residenza abbażi tal-ażil.

17. L-Artikolu 29(4), tal-wet tot algehele herziening van de Vreemdelingenwet, Vreemdelingenwet 2000, (il-Liġi dwar ir-Reviżjoni Ġenerali tal-Liġi dwar il-Barranin, iktar 'il quddiem il-"Vw 2000"), tat-23 ta' Novembru 2000, jipprovdi li: "[i]l-permess ta' residenza għal żmien limitat previst fl-Artikolu 28 jista' jingħata wkoll lil membru tal-familja fis-sens tal-paragrafu 2 li sempliċement ma ngħaqadx maċ-ċittadin barrani previst fil-paragrafu 1, fit-tliet xhur wara l-ħruġ lil dan tal-aħħar ta' permess ta' residenza previst fl-Artikolu 28 jekk, f'dan it-terminu ta' tliet xhur, applikazzjoni għal viża għal residenza ta' iktar minn tliet xhur tkun ġiet ippreżentata minn jew għall-benefiċċju ta' dan il-membru tal-familja".

III. It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Ir-rikorrenti K u B (iktar 'il quddiem "K u B" jew ir-"rikorrenti K u B") huma ċittadini ta' pajjiż terz (l-Eritrea). Dawn huma, rispettivament, il-konjuġi u t-tifla minuri, li twieldet fil-1 ta' Lulju 2014, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirresjedi fil-Pajjiżi l-Baxxi (iktar 'il quddiem l-"isponsor FG"). L-isponsor FG għandu, mit-23 ta' Settembru 2014, permess ta' residenza għal żmien limitat abbażi tal-ażil (iktar 'il quddiem, il-"permess ta' residenza abbażi tal-ażil"). Dan il-permess ta' residenza abbażi tal-ażil jagħtih il-protezzjoni sussidjarja.

5 ĠU 2011, L 337, p. 9.

19. Wara intervista ma' organu terz, VluchtelingenWerk Nederland [6], l-isponsor FG kien fehem inizjalment li ma kienx rilevanti li jippreżenta applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja. Madankollu, l-isponsor FG kien finalment ippreżenta tali applikazzjoni, fuq il-bażi tal-Artikolu 29(2) u (4) tal-Vw 2000, għall-benefiċċju ta' K u B, iżda dan wara li skada t-terminu [7].

20. Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tal-20 ta' April 2015 u tat-8 ta' Novembru 2015, is-Segretarju tal-Istat ikkonferma ċ-ċaħda tal-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ppreżentata mill-isponsor FG għall-benefiċċju tar-rikorrenti K u B, minħabba l-fatt li l-applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata fit-terminu ta' tliet xhur u li d-dewmien ma kienx ta' natura skużabbli abbażi tal-Artikolu 29(2) u (4) tal-Vw 2000.

21. Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2016, ir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, bis-sede f'Amsterdam, iktar 'il quddiem il-"qorti tal-ewwel istanza") iddikjarat in-nuqqas ta' fondatezza tar-rikors ippreżentat minn K u B kontra d-deċiżjoni li tiċħad l-applikazzjoni tagħhom għal riunifikazzjoni tal-familja.

22. Ir-rikorrenti K u B ippreżentaw appell kontra s-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza quddiem il-qorti tar-rinviju. Fl-ewwel lok, huma jilmentaw li l-qorti tal-ewwel istanza ma rrikonoxxietx li l-evalwazzjoni tan-natura skużabbli tal-qbiż tat-terminu ta' tliet xhur għandha titwettaq fid-dawl tal-għan u tar-ratio legis ta' dan it-terminu. Fit-tieni lok, skont K u B, il-qorti tal-ewwel istanza, ibbażat b'mod żbaljat is-sentenza tagħha fuq il-fatt li l-isponsor FG kien jaf li kellu jippreżenta l-applikazzjoni fit-terminu ta' tliet xhur u li kellu jżomm ruħu informat b'mod iktar preċiż bil-possibbiltà li jippreżenta applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja qabel l-iskadenza ta' dan. Fit-tielet lok, K u B jikkritikaw lill-qorti tal-ewwel istanza li ma rrikonoxxietx li t-terminu msemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86 ma jistax jiġi invokat bħala motiv ta' esklużjoni u li s-Segretarju tal-Istat kellu jieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' proporzjonalità fl-evalwazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 5(5) u mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/86, din l-evalwazzjoni kellha tikkunsidra l-aħjar interess tat-tifla. Fir-raba' lok, K u B isostnu li l-qorti tal-ewwel istanza, b'mod żbaljat, ma kkunsidratx li r-riferiment għal applikazzjoni ordinarja ta' viża għal residenza ta' iktar minn tliet xhur għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, jippreġudika l-għan segwit mid-Direttiva 2003/86 kif ukoll l-effett utli tagħha.

23. Fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sa fejn id-Direttiva 2003/86 teskludi lill-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Fil-fatt, minkejja li l-leġiżlatur Olandiż għamel riferiment għall-kontenut ta' din, ikun fl-interess tal-Unjoni li d-dispożizzjonijiet meħuda mid-dritt tal-Unjoni jirċievu interpretazzjoni uniformi [8]. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, skont is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Nolan (C-583/10, iktar 'il quddiem is-"sentenza Nolan", EU:C:2012:638), l-Unjoni ma għandhiex interess f'interpretazzjoni uniformi ta' att li jikkonċerna sitwazzjoni interna li hija espliċitament eskluża minn dan l-att [9]. Ma huwiex ċar għall-qorti tar-rinviju jekk is-sentenza Nolan tibqax applikabbli sa fejn din is-sentenza ma tirrigwardax sitwazzjoni li għaliha d-dritt tal-Unjoni sar applikabbli b'mod direct u inkundizzjonat [10]. Mandankollu, l-imsemmija sentenza ma reġgħetx ġiet iċċitata mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, fis-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten (C-268/15, EU:C:2016:874), mogħtija mill-Awla Manja; u huwa minħabba dan li l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk is-sentenza Nolan tistax twassal sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li hija ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għal din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

6 Dan huwa organu indipendenti li jiddefendi l-interessi tar-refuġjati u tal-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja fil-Pajjiżi l-Baxxi.

7 L-applikazzjoni ġiet ippreżentata fit-22 ta' Jannar 2015, jiġifieri xahar wara li skada t-terminu ta' tliet xhur preskritt mid-Direttiva 2003/86.

8 Il-qorti tar-rinviju tiċċita hawn is-sentenzi tat-18 ta' Ottubru 2012, Nolan (C-583/10, EU:C:2012:638, punt 46), tas-7 ta' Novembru 2013, Roméo (C-313/12, EU:C:2013:718, punt 22) u tas-16 ta' Ġunju 2016, Rodríguez Sánchez (C-351/14, EU:C:2016:447, punti 61 u 62).

9 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Nolan (punti 53 sa 56).

10 Ara f'dan is-sens, is-sentenza Nolan (punt 52).

24. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi fuq l-interpretazzjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86. Skont il-qorti tar-rinviju, meta l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja tiġi ppreżentata wara l-iskadenza tat-terminu u meta l-qbiż tat-terminu ta' tliet xhur ma jkunx skużabbli għaliex il-kawża tiegħu tista' tiġi attribwita lill-isponsor FG, din l-applikazzjoni ma tiġix eżaminata fil-mertu; għaldaqstant, is-Segretarju tal-Istat ma jiħux inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(5) (teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interess tat-tfal), u lanqas dawk tal-Artikolu 17 (teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi individwali) tad-Direttiva 2003/86. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li interpretazzjoni iktar preċiża tat-tielet subparagrafu tal-Artiklu 12(1) tal-imsemmija direttiva hija neċessarja sabiex jiġu evalwati l-ilmenti tar-rikorrenti K u B.

25. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Fid-dawl tal-Artikolu 3(2)(ċ) tad-Direttiva [2003/86] u tas-sentenza [Nolan] il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari tal-qrati Olandiżi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva f'kawża li tirrigwarda d-dritt ta' residenza ta' membru tal-familja ta' benefiċjaru tal-protezzjoni sussidjarja jekk, fid-dritt Olandiż, din id-direttiva ġiet iddikjarata direttament u inkundizzjonalment applikabbli għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja?

2) Is-sistema tad-Direttiva [2003/86] […] tipprekludi regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skont din talba għal teħid inkunsiderazzjoni fid-dawl ta' riunifikazzjoni tal-familja abbażi tad-dispożizzjonijiet iktar favorevoli tal-Kapitolu V ta' din id-direttiva tista' tiġi miċħuda unikament għaliex ma tressqitx fit-terminu msemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tagħha?

Għal risposta għal din id-domanda, huwa importanti li jkun possibbli, f'każ ta' qbiż ta' dan it-terminu, li jiġi introdott, irrispettivament jekk wara ċaħda jew mhux, applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, li fil-kuntest tagħha l-osservanza tal-kundizzjonijiet magħmula mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/86/KE hija evalwata u l-interessi u ċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 5(5) kif ukoll fl-Artikolu 17 [tal-imsemmija direttiva] jittieħdu inkunsiderazzjoni?"

26. Fil-kawża preżenti ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mir-rikorrenti K u B, mill-Gvern Olandiż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

27. Waqt is-seduta konġunta mal-Kawża C-257/17, C u A, li nżammet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Marzu 2018, ir-rikorrenti C u A, u mbagħad ir-rikorrenti K u B, il-Gvern Olandiż kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet orali tagħhom.

IV. Analiżi

A. Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

28. L-isponsor FG għandu permess ta' residenza abbażi tal-ażil li jagħtih il-protezzjoni sussidjarja. Huwa ppreżenta applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja għall-benefiċċju tar-rikorrenti K u B, abbażi tad-Direttiva 2003/86.

29. Il-kliem li ma jħallix dubju tal-Artikolu 3(2)(ċ) tad-Direttiva 2003/86, jippreċiża, "[li hija] ma tapplikax fejn l-isponsor ikun: […] awtorizzat li joqgħod fi Stat Membru fuq il-bażi ta' forma sussidjarja ta' protezzjoni skond obbligi internazzjonali, leġislazzjoni nazzjonali jew prattika ta' l-Istati Membri"[11]. Għaldaqstant, l-isponsor FG ma huwiex kopert ratione materiae mid-Direttiva 2003/86[12].

30. Madankollu, il-leġiżlatur Olandiż iddeċieda unilateralment li japplika d-dispożizzjonijiet iktar favorevoli li jirrigwardaw ir-riunifikazzjoni tal-familji tar-refuġjati, li jinsabu fil-Kapitolu V tad-Direttiva 2003/86, fosthom l-Artikolu 12, li huwa s-suġġett tat-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja u għall-membri tal-familja tagħhom[13]. Dan il-każ huwa sitwazzjoni rregolata mid-dritt nazzjonali. Fi kliem ieħor, dan huwa każ ta' estensjoni tal-kamp ratione materiae tas-sistema Olandiża, Vw 2000, sabiex jiġu koperti l-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat jekk interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tad-dispożizzjonijiet imsemmija mid-domandi magħmula hijiex iġġustifikata, u għaldaqstant li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tkun stabbilita, kif isostnu l-qorti tar-rinviju, il-Gvern Olandiż u r-rikorrenti fil-kawża prinċipali iżda kif huwa kkontestat mill-Kummissjoni.

31. Skont l-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi, b'mod preliminari, dwar l-interpretazzjoni tat-Trattati kif ukoll tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Minn dan jirriżulta li hija biss il-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, kemm il-bżonn ta' deċiżjoni preliminari sabiex hija tagħti s-sentenza tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja[14]. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula mill-qrati nazzjonali jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, fil-prinċipju, fl-obbligu li tiddeċiedi[15].

32. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat diversi drabi li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq it-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li fihom il-fatti fil-kawża prinċipali kienu jinsabu barra mill-kamp ta' appikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura l-uniformità tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' att tal-Unjoni u ta' dawk id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jittrasponuha u jirrenduha applikabbli lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-att.

11 Inizjalment, il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja tal-1 ta' Diċembru 1999 (COM(1999)638 final), kienet tagħti lill-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja dritt għal riunifikazzjoni tal-familja lill-membri tal-familja tagħhom. Permezz tal-opinjoni tiegħu adottata waqt is-sessjoni plenarja tas-6 ta' Settembru 2000, il-Parlament Ewropew sostna l-approċċ ġenerali u l-orjentazzjonijiet prinċipali ta' din il-proposta, iżda talab restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta għal direttiva ċċitata sabiex jeskludi lill-persuni li jibbenefikaw minn forma ta' protezzjoni sussidjarja (emenda 19). Il-Kummissjoni emendat il-proposta konsegwentement minħabba l-fatt li kien għadu ma jeżistix kunċett armonizzat ta' "benefiċċjarju tal-protezzjoni sussidjarja": ara proposta emendata għal direttiva tal-Kunsill dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (COM(2000) 624 final).

12 Madankollu, minn dan ma għandux jiġi dedott li d-Direttiva 2003/86 tobbliga lill-Istati Membri jirrifjutaw id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja lill-benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja jew sussidjarja. Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 162), tawtorizza espliċitament lill-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja sabiex jgħaqqdu magħhom lill-membri tal-familja tagħhom. Ara wkoll, f'dan is-sens, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar gwida għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja (iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar gwida għall-applikazzjoni", COM(2014) 210 final tat-3 ta' April 2014, punt 6.2, p. 25).

13 Dan il-każ ma huwiex uniku. Skont ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2008 dwar l-Applikazzjoni tad-Direttiva 2003/86/KE dwar id-Dritt għal Riunifikazzjoni tal-familja (KUMM(2008) 610 finali, p. 5), ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja japplikaw id-Direttiva għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja minkejja l-esklużjoni msemmija iktar 'il fuq. Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar gwida għall-applikazzjoni (ara l-punt 6.2, p. 25), il-Kummissjoni tinkorraġixxi lill-Istati Membri sabiex jadottaw regoli li jagħtu drittijiet simili lir-refuġjati u lill-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja jew ta' protezzjoni sussidjarja sa fejn il-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom ma humiex differenti.

14 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi, (C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punt 33), tas-7 ta' Lulju 2011, Agafiței et (C-310/10, EU:C:2011:467, punti 24 u 25) kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2011, Cicala (C-482/10, EU:C:2011:868, punt 15).

15 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi, (C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punt 35), tas-16 ta' Marzu 2006, Poseidon Chartering (C-3/04, EU:C:2006:176, punt 15), tat-28 ta' Ottubru 2010, Volvo Car Germany (C-203/09, EU:C:2010:647, punt 24), tas-7 ta' Lulju 2011, Agafiței et (C-310/10, EU:C:2011:467, punt 26) u tal-21 ta' Diċembru 2011, Cicala (C-482/10, EU:C:2011:868, punt 16).

33. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li interpretazzjoni minnha tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu hija ġġustifikata meta dawn id-dispożizzjonijiet jkunu saru applikabbli għal tali sitwazzjonijiet permezz tad-dritt nazzjonali b'mod dirett u inkundizzjonat, sabiex jiġi żgurat trattament identiku f'dawn is-sitwazzjonijiet u f'dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [16]. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tivverifika jekk jeżistux indikazzjonijiet suffiċjentement preċiżi sabiex ikun jista' jiġi stabbilit jekk id-dritt nazzjonali jagħmilx riferiment dirett u inkundizzjonat għad-dritt tal-Unjoni. Huwa essenzjalment biss fuq il-bażi tal-kjarifiki pprovduti mill-qorti nazzjonali fid-deċiżjoni tagħha tar-rinviju li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddetermina jekk għandhiex ġurisdizzjoni biex tirrispondi għad-domandi mqajma quddiemha [17].

34. Ċertament, skont is-sentenza Nolan, ma jistax jiġi affermat jew preżunt li jeżisti interess min-naħa tal-Unjoni sabiex, f'qasam eskluż mil-leġiżlatur tal-Unjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-att li huwa adotta, tingħata interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att [18]. Fil-fatt, skont din il-loġika, "jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni jsemmi b'mod inekwivoku li l-att li huwa adotta ma japplikax għal qasam preċiż, huwa jirrinunzja […], għall-għan initiż għal interpretazzjoni u għal applikazzjoni uniformi ta' regoli tad-dritt f'dan il-qasam eskluż" [19].

35. Is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Solar Electric Martinique (C-303/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Solar Electric Martinique" EU:C:2017:773), li kienet tikkonċerna wkoll każ ta' esklużjoni espliċita mill-kamp ta' applikazzjoni ta' direttiva tal-Unjoni [20], biddlet, fil-fehma tiegħi, ċerti motivi tas-sentenza Nolan. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fil-punt 29 tas-sentenza Solar Electric Martinique, li "[l]-eżistenza ta' interess tal-Unjoni sabiex, bl-għan li jiġu evitati diverġenzi ta' interpretazzjoni fil-futur, [il-kunċetti tad-direttiva inkwistjoni] jiġu interpretati b'mod uniformi hija ċertament konċepibbli" [21]. Minkejja li s-sentenza Nolan kienet tagħti l-impressjoni li tali interess jisparixxi fil-każ ta' esklużjoni espliċita mil-leġiżlatur tal-Unjoni, is-sentenza Solar Electric Martinique għaldaqstant ma kkonfermatx dan il-qari. Dejjem fir-rigward ta' sitwazzjoni ta' esklużjoni espliċita mill-kamp ta' applikazzjoni ta' direttiva, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2018, SGI u Valériane (C-459/17 u C-460/17), teskludi, milli jidher b'mod definittiv, l-approċċ adottat preċedentement fis-sentenza Nolan, billi affermat li, minkejja din l-esklużjoni espliċita, jeżisti interess ċert tal-Unjoni [22] li, sabiex jiġu evitati diverġenzi ta' interpretazzjoni futuri, id-dispożizzjonijiet jew il-kunċetti meħuda mid-dritt tal-Unjoni jingħataw interpretazzjoni uniformi, indipendentement mill-kundizzjonijiet li fihom huma għandhom japplikaw ladarba d-dritt nazzjonali jagħmel riferiment dirett u inkundizzjonat għad-dispożizzjoni tad-direttiva li l-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab l-interpretazzjoni tagħha [23].

36. Dan huwa wkoll il-każ fil-kawża preżenti.

37. Fil-fatt, fil-kawża preżenti, l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju huma suffiċjentement preċiżi u juru li d-dritt nazzjonali, li huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni, jagħmel riferiment dirett u inkundizzjonat għal dan tal-aħħar. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża għalhekk li l-leġiżlazzjoni u r-regoli Olandiżi jistabbilixxu sistema komuni għar-riunifikazzjoni tal-familja tar-refuġjati u

16 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Marzu 1995, Kleinwort Benson (C-346/93, EU:C:1995:85, punt 16), tal-21 ta' Diċembru 2011, Cicala (C-482/10, EU:C:2011:868, punti 17 u 19), tat-18 ta' Ottubru 2012, Nolan (punti 45 u 47) u tad-19 ta' Ottubru 2017, Solar Electric Martinique (C-303/16, EU:C:2017:773, punti 25 u 27).

17 Ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-12 ta' Mejju 2016, Sahyouni (C-281/15, EU:C:2016:343, punti 27 u 29) u l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Solar Electric Martinique (C-303/16, EU:C:2017:507, punt 33).

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Nolan (punti 53, 54 u 56).

19 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Nolan (punt 55).

20 Dan kien każ ta' esklużjoni ratione loci mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il qudiem, id-"Direttiva dwar il-VAT"), iżda din id-differenza mill-esklużjoni ratione materiae tas-sentenza Nolan hija irrilevanti: ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Solar Electric Martinique (C-303/16, EU:C:2017:507, punt 49).

21 Korsiv miżjud minni.

22 Korsiv miżjud minni.

23 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2018, SGI u Valériane (C-459/17 u C-460/17, punti 27 u 28). Din is-sentenza, bħas-sentenza Solar Electric Martinique, kienet tirrigwarda sitwazzjoni ta' esklużjoni ratione loci mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-VAT.

għar-riunifikazzjoni tal-familja tal-benefiċċjarji tal-protezzjoni sussidjarja. Skont is-Segretarju tal-Istat, din l-għażla hija mmotivata mill-fatt li l-Pajjiżi l-Baxxi jagħtu l-istess effetti legali lil permess ta' residenza abbażi tal-ażil li jirriżulta mill-protezzjoni sussidjarja bħal dawk ta' permess ta' residenza abbażi tal-ażil li jirriżulta mill-istatus ta' refuġjat. Il-qorti tar-rinviju, kif ukoll il-Gvern Olandiż u r-rikorrenti K u B iqisu li l-leġiżlatur Olandiż irrenda l-Kapitolu V tad-Direttiva 2003/86 applikabbli b'mod dirett u inkundizzjonat għas-sitwazzjonijiet li, skont l-Artikolu 3(2)(ċ) ma kinux jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Hija tikkonkludi li d-Direttiva 2003/86 tapplika, b'analoġija, għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja.

38. Fl-aħħar nett, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex ġurisdizzjoni, fil-kawża preżenti, sabiex tinterpreta t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86, il-qorti tar-rinviju tkun imġiegħla tinterpretah hija stess sabiex tiddeċiedi t-tilwima fuq il-mertu. Fil-prattika, l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-qorti nazzjonali jista' jkollha konsegwenza fuq il-kontenut ta' dan id-dritt u twassal għal orjentazzjoni kunsiderevolment differenti minn dik li għandha mnejn tadotta l-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, hija tista' tiskoraġġixxi lill-qrati nazzjonali tal-Istat Membru inkwistjoni milli jqajmu, fil-futur, tali domanda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fi kwalunkwe każ, il-kunċetti li l-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tagħhom jaqgħu effettivament fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni u jistgħu japplikaw f'sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

39. Konsegwentement, inqis li l-interess tal-Unjoni f'interpretazzjoni uniformi jeżisti, minn naħa, sabiex jiġu evitati differenzi fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, minħabba l-ħtieġa li ma jiġux ittrattati b'mod differenti sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru jkun għażel li jimxi fuq is-soluzzjonijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-Unjoni għandha interess f'interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi. Barra minn hekk, l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju huma suffiċjentement preċiżi u juru li d-dritt nazzjonali, li huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni, jagħmel riferiment dirett u inkundizzjonat għal dan tal-aħħar.

40. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula.

B. Fuq l-interpretazzjoni tat-terminu ta' tliet xhur stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86

1. Osservazzjonijiet preliminari

41. Għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li d-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, irrikonoxxut u rregolat mid-Direttiva 2003/86, jikkostitwixxi aspett speċifiku tad-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja, li, minn naħa tiegħu, jikkostitwixxi dritt fundamentali stabbilit mill-Artikolu 8 tal-KEDB u mill-Artikolu 7 tal-Karta u, bħala tali, huwa protett fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [24]. Ir-relazzjoni diretta bejn id-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja tal-familja u d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja hija rrikonoxxuta speċifikament mid-Direttiva 2003/86, fil-premessa 2 tagħha [25].

24 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, EU:C:2006:429, punt 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata) u l-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza Noorzia (C-338/13, EU:C:2014:288, punt 20).

25 Ara l-punt 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

42. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat b'mod espliċitu li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/86 għandhom jiġu interpretati fid-dawl tad-drittijiet fundamentali u, b'mod iktar partikolari, tad-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja stabbilit kemm mill-KEDB kif ukoll mill-Karta [26]. Barra minn hekk, l-Artikolu 7 tal-Karta għandu jinqara flimkien mal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tat-tfal, irrikonoxxut fl-Artikolu 24(2) ta' din, billi tittieħed inkunsiderazzjoni n-neċessità għat-tfal li jmantnu regolarment relazzjonijiet personali maż-żewġ ġenituri tagħhom, espressa fil-paragrafu 3 tal-istess artikolu [27]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li kull applikazzjoni ppreżentata għal tifel jew tifla jew għal wieħed mir-rappreżentati legali tagħhom sabiex jidħlu fi Stat Membru jew jitilqu minnu għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja għandha tiġi kkunsidrata mill-Istati Membri b'mod pożittiv, b'umanità u b'ħeffa [28].

43. Ċertament, l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza, għat-tfal, tal-ħajja tal-familja, ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li jċaħħdu lill-Istati Membri mill-marġni ta' diskrezzjoni li huma għandhom meta jkunu qed jeżaminaw applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni tal-familja [29]. Madankollu, matul tali eżami u meta jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet […] tad-Direttiva 2003/86 humiex issodisfatti, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva għandhom jiġu interpretati u applikati fid-dawl tal-Artikolu 7 u tal-Artikolu 24(2) u (3) tal-Karta, kif barra minn hekk jirriżulta mit-termini tal-premessa 2 u tal-Artikolu 5(5) tal-imsemmija direttiva, li jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni inkwistjoni fl-interess tal-ulied ikkonċernati u bil-għan li jippromwovu l-ħajja tal-familja [30].

44. Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-importanza ta' ċerti strumenti internazzjonali, b'mod partikolari tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi [31] u tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li hija tieħu inkunsiderazzjoni għall-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju. Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal torbot, bħall-istrumenti internazzjonali ċċitati, lil kull wieħed mill-Istati Membri [32].

45. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-eventwali marġni ta' manuvra mogħti lill-Istati Membri permezz tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/86 ma għandux jintuża minnhom b'mod li jippreġudika l-għan ta' din id-direttiva, li huwa dak li tiġi promossa r-riunifikazzjoni tal-familja u l-effettività tagħha [33].

46. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/86, li jipprevedi li fil-każ ta' ċaħda ta' applikazzjoni ta' riunifikazzjoni tal-familja, "[l]-Istati Membri għandhom iqisu n-natura u s-solidità tar-relazzjonijiet familjali tal-persuna u t-tul tar-residenza tiegħu (tagħha) fl-Istat Membru u ta' l-eżistenza ta' rbit familjali, kulturali u soċjali ma' pajjiżu/a ta' oriġini", jirriżulta li l-Istati Membri huma marbuta bl-obbligu li jeżaminaw b'mod individwali l-applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni [34].

26 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, Chakroun (C-578/08, EU:C:2010:117, punt 44) u l-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza Noorzia (C-338/13, EU:C:2014:288, punt 22).

27 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill, (C-540/03, EU:2006:429, punti 57 u 58), tat-23 ta' Diċembru 2009, Detiček (C-403/09 PPU, EU:C:2009:810, punt 54) u tas-6 ta' Diċembru 2012, O et (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 76) kif ukoll l-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, EU:2006:429, punt 57) u l-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

29 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, EU:2006:429, punt u 59) kif ukoll tas-6 ta' Diċembru 2012, O et (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 79).

30 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, O et (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 80).

31 Adottat u miftuħ għall-iffirmar, ir-ratifika u l-adeżjoni mill-Assemblea Ġenerali fir-riżoluzzjoni 2200 A (XXI) tagħha tas-16 ta' Diċembru 1966.

32 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, EU:C:2006:429, punti 35 sa 38).

33 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Marzu 2010, Chakroun (C-578/08, EU:C:2010:117, punt 43), tas-6 ta' Diċembru 2012, O et (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 74), tad-9 ta' Lulju 2015, K u A (punt 50) kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza Noorzia (C-338/13, EU:C:2014:288, punt 25).

34 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-4 ta' Marzu 2010, Chakroun (C-578/08, EU:C:2010:117, punt 48), tad-9 ta' Lulju 2015, K u A (punti 58 u 59) kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenzi Noorzia (C-338/13, EU:C:2014:288, punt 26) u Dogan (C-138/13, EU:C:2014:287, punt 57).

47. Huwa fid-dawl tal-prinċipji msemmija iktar ’il fuq, espressi fil-ġurisprudenza, li għandha tingħata risposta għat-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju.

2. Fuq it-tieni domanda preliminari

48. Huwa stabbilit li, fil-kawża preżenti, applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja għall-benefiċċju tar-rikorrenti K u B, ġiet ippreżentata wara l-iskadenza tat-terminu ta’ tliet xhur wara l-għoti tal-istatus ta’ refuġjat (iktar ’il quddiem it-“terminu ta’ tliet xhur”) stabbilit fl-Artikolu 29(2) u (4) tal-Vw 2000 u li jittrasponi t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86[35].

49. Fid-dritt nazzjonali, l-osservanza tat-terminu ta’ tliet xhur intiż sabiex tiġi ppreżentata applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja taħt it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86 huwa previst bħala kundizzjoni għall-ammissibbiltà ta’ din l-applikazzjoni. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, fil-kuntest ta’ dan l-eżami, l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ma hijiex eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 5(5) (jiġifieri, mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interess tat-tfal) u tal-Artikolu 17 (jiġifieri, essenzjalment, mingħajr teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi individwali) tad-Direttiva 2003/86[36]. Skont il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 29(2) u (4) tal-Vw 2000 ma joffri l-ebda possibbiltà li, b’deroga, isir ibbilanċjar tal-interessi jew forma oħra ta’ flessibbiltà.

50. Madankollu, is-Segretarju tal-Istat jevalwa jekk, fi spirtu ta’ umanità, il-qbiż tat-terminu ta’ tliet xhur huwiex skużabbli, iżda ma jwettaqx ibbilanċjar tal-interessi u jeżamina jekk ir-raġuni għall-qbiż tat-terminu tistax raġonevolament tiġi attribwita lill-isponsor ikkonċernat jew lill-membru tal-familja tiegħu. Madankollu, fil-każ fejn l-applikazzjoni ma tiġix ippreżentata fit-terminu stabbilit u fejn is-Segretarju tal-Istat ma jiddeċidix li l-qbiż tat-terminu huwa ta’ natura skużabbli, huwa jiċħad din l-applikazzjoni mingħajr ma jeżaminaha fil-mertu. Is-Segretarju tal-Istat ma jieħu inkunsiderazzjoni la d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2003/86, u lanqas dawk tal-Artikolu 17 ta’ din id-direttiva.

51. Bil-kontra, skont il-qorti tar-rinviju, huwa possibli, kemm jekk dan ikun wara jew le rifjut minħabba l-qbiż tat-terminu ta’ tliet xhur li ma jkunx ta’ natura skużabbli skont l-evalwazzjoni tas-Segretarju tal-Istat, li r-refuġjat jippreżenta applikazzjoni ordinarja għal viża għal residenza ta’ tul ta’ iktar minn tliet xhur għall-finijiet ta’ riunifikazzjoni tal-familja abbażi tal-proċedura ordinarja tad-Direttiva 2003/86. Skont is-Segretarju tal-Istat, peress li l-isponsor FG qabeż it-terminu ta’ tliet xhur, huwa ma għadux jista’ jinvoka d-dispożizzjonijiet iktar favorevoli tal-Kapitolu V ta’ din id-direttiva. F’dan il-każ, is-Segretarju tal-Istat jevalwa jekk il-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 7(1) tal-imsemmija direttiva humiex issodisfatti; madankollu, huwa jista’ jeħles lir-refuġjat–sponsor ikkonċernat mill-obbligu li jiddisponi minn riżorsi stabbli u regolari kif ukoll mill-obbligu li jħallas kontribuzzjonijiet, filwaqt li jeżamina l-applikazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

52. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex qabel kollox, essenzjalment, li tiddetermina jekk id-Direttiva 2003/86 tipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ppreżentata fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet iktar favorevoli tal-Kapitolu V ta’ din id-direttiva, tistax tiġi miċħuda bħala inammissibbli, għas-sempliċi raġuni li ġiet ippreżentata wara l-iskadenza tat-terminu ta’ tliet xhur. Imbagħad, il-qorti tar-rinviju tixtieq issir taf jekk huwiex possibbli, fil-każ tal-iskadenza tal-imsemmi terminu, li tiġi ppreżentata, kemm jekk wara jew qabel deċiżjoni ta’ ċaħda, applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, fil-kuntest ta’ liema l-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva tiġi evalwata u l-interessi u ċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 5(5) kif ukoll fl-Artikolu 17 [tal-imsemmija direttiva] jittieħdu inkunsiderazzjoni.

35 L-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ġiet ippreżentata erba’ xhur wara l-ksib tal-permess ta’ residenza abbażi tal-asil.

36 Skont il-qorti tar-rinviju, in-natura skużabbli tal-qbiż tat-terminu ma tistax tiġi evalwata fir-rigward tal-għan u r-raġuni għat-terminu ta’ tliet xhur, peress li fil-kuntest ta’ dan l-eżami, l-evalwazzjoni ma tagħti lok għal ebda bilanċ tal-interessi.

53. Il-qorti tar-rinviju tikkontempla żewġ interpretazzjonijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86. Permezz tal-ewwel interpretazzjoni, il-qorti tar-rinviju tqis li jista' jiġi dedott mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1), li dan tal-aħħar jintroduċi l-kundizzjoni li l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja tiġi ppreżentata f'terminu ta' tliet xhur. B'kuntrast mal-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva, it-terminu ta' tliet xhur ma huwiex norma miftuħa li l-kontenut tagħha għandu jiġi ppreċiżat fid-dritt nazzjonali, bħar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-artikolu li ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tal-4 ta' Marzu 2010, Chakroun, (C-578/08, EU:C:2010:117) u tal-21 ta' April 2016, Khachab, (C-558/14, EU:C:2016:285). Il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-evalwazzjoni tal-Artikolu 7(1)(ċ) tad-Direttiva 2003/86 ħadet inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' proporzjonalità u l-Artikolu 17 ta' din id-direttiva. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) ma jidher li jeħtieġ la eżami fuq il-mertu u lanqas ibbilanċjar tal-interessi meta dan ir-rekwiżit ma jkunx issodisfat. Bil-kontra, it-tieni interpretazzjoni kkontemplata mill-qorti tar-rinviju tirriżulta minn qari flimkien tal-Artikolu 5(5) u tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/86. Hija tissuġġerixxi li, meta l-applikazzjoni tiġi ppreżentata u matul tal-eżami tagħha, l-Istati Membri għandhom jieħdu debitament inksunderazzjoni l-interess tat-tifel/tifla minuri u, fil-każ ta' ċaħda ta' din l-applikazzjoni, huma għandhom jevalwaw ċ-ċirkustanzi individwali tal-isponsor jew tal-benefiċjarju tad-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja.

54. Naqbel perfettament ma' din it-tieni interpretazzjoni.

55. Qabel ma nittratta d-domandi li jirrigwardaw il-portata u n-natura stess tat-terminu ta' tliet xhur stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86, għandu jitfakkar il-kuntest li fih jinsab dan l-artikolu.

56. Id-Direttiva 2003/86 tagħmel distinzjoni bejn żewġ sistemi ta' riunifikazzjoni tal-familja: minn naħa, sistema ordinarja intiża għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-kundizzjonijiet sostantivi tagħha huma elenkati, b'mod partikolari, fl-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, u, min-naħa l-oħra, sistema msejħa bħala "iktar favorevoli[37]" jew "preferenzjali[38]", fir-rigward tar-riunifikazzjoni tal-familja tar-refuġjati li l-kundizzjonijiet tagħha jinsabu fil-Kapitolu V tad-Direttiva 2003/86 u b'mod partikolari fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) ta' din id-direttiva, li l-interpretazzjoni tiegħu hija mitluba. Dan l-artikolu tal-aħħar huwa parti integrali mill-Kapitolu V tal-imsemmija direttiva u jippermetti, fid-dawl tal-premessa 8 tal-imsemmija direttiva, fid-dawl tas-sitwazzjoni tagħhom, li r-refuġjati jingħataw attenzjoni partikolari u, abbażi ta' dan, jippermetti li, fir-rigward tagħhom, jiġu previsti kundizzjonijiet iktar favorevoli sabiex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal riunifikazzjoni tal-familja. L-istruttura tad-Direttiva 2003/86 tikkonferma din is-sistema iktar favorevoli mogħtija lir-refuġjati, peress li diversi dispożizzjonijiet, b'mod partikolari l-Artikolu 10, l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 12(1) u (2) tal-imsemmija direttiva[39], jidderogaw mis-sistema ordinarja ta' din l-istess direttiva.

57. Taħt din il-perspettiva, meta refuġjat-sponsor jippreżenta applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja fuq il-bażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86, huwa eżentat, "permezz ta' deroga mill-Artikolu 7, […] [li] jipprovd[i], […] ix-xiehda li r-refuġjat jissodisfa r-rekwiżiti ddikjarati fl-Artikolu 7". Is-sistema applikabbli għar-refuġjati-sponsors hija ssemplifikata kunsiderevolament u għaldaqstant iktar protettiva tad-dritt tagħhom għal riunifikazzjoni tal-familja.

37 Ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 10 ta' Lulju 2014, Mugenzi vs Franza, rikors Nru 52701/09, 2014:0710JUD005270109, punt 54; il-Qorti tfakkar li l-unità tal-familja hija dritt essenzjali tar-refuġjat u li r-riunifikazzjoni tal-familja hija element fundamentali sabiex persuni li jkunu ħarbu minn persekuzzjoni jingħataw il-possibbiltà li jerġgħu jibdew ħajja normali. Hija tfakkar ukoll li hija rrikonoxxiet li l-ksib ta' tali protezzjoni internazzjonali jikkostitwixxi prova tal-vulnerabbiltà tal-persuni kkonċernati. In-neċessità għar-refuġjati li jibbenefikaw minn proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja iktar favorevoli minn dik irriżervata għall-barranin l-oħra hija s-suġġett ta' kunsens fuq livell internazzjonali u Ewropew hekk kif jirriżulta mill-mandat tal-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati kif ukoll mir-regoli li jinsabu fid-Direttiva 2003/86.

38 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot, fil-kawża A u S, (C-550/16, EU:C:2017:824, punt 29).

39 Dawn l-artikoli jidderogaw mill-Artikoli 4, 5, 7 u 8 tad-Direttiva 2003/86.

58. Madankollu, jekk l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ma tiġix ippreżentata fit-terminu ta' tliet xhur stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86, l-imsemmi artikolu jiddisponi li l-"[Is]tati Membri jistgħu jirrikjedu li r-refuġjat jissodisfa l-kondizzjonijiet[40] li jirreferi għalihom l-Artikolu 7(1)" ta' din id-direttiva. Ir-refuġjat-sponsor għandu jġib għaldaqstant il-prova li huwa għandu residenza li kkunsidrata bħala normali, assigurazzjoni għall-mard, u riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti.

59. Dan ma jfissirx li l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda ipso jure wara l-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur, iżda sempliċement li l-Istati Membri jistgħu, dejjem fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ppreżentata fuq il-bażi tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86, jeżiġu li r-refuġjat–sponsor jissodisfa l-kundizzjonijiet sostantivi tal-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva. Il-qbiż tat-terminu ta' tliet xhur previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tal-imsemmija direttiva għaldaqstant ma għandux konsegwenzi proċedurali, bħall-inammissibbiltà tal-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja u l-ħtieġa li tiġi ppreżentata applikazzjoni ġdida fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tas-sistema ordinarja stabbilita mid-Direttiva 2003/86, iżda konsegwenzi eventwalment materjali, jiġifieri s-sempliċi possibbiltà għall-Istati Membri li jeżiġu biss l-issodisfar tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva.

60. Fi kliem ieħor, l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja u għaldaqstant l-issodisfar tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/86 huma eżaminati fil-kuntest tal-applikazzjoni magħmula taħt il-Kapitolu V ta' din id-direttiva.

61. Dan l-approċċ jidhirli li huwa kkonfermat mill-għanijiet segwiti mid-Direttiva 2003/86, partikolarment mid-dispożizzjonijiet dwar ir-refuġjati.

62. Fil-fatt, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li l-iskop tad-Direttiva 2003/86 huwa li "ir-riunifikazzjoni tal-familja hija mezz neċessarju biex il-ħajja tal-familja ssir", b'mod partikolari għar-refuġjati fejn is-sitwazzjoni personali tagħhom "jimpeduhom milli jgħixu ħajja tal-familja normali"[41]. B'hekk, kemm ir-raġunijiet marbuta ma' eventwali qbiż tat-terminu kif ukoll l-issodisfar tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva għandhom jiġu eżaminati fid-dawl tal-istatus iktar favorevoli li l-imsemmija direttiva tagħti lir-refuġjati. Dan l-istatus iktar favorevoli huwa marbut mad-diffikultajiet prattiċi li jiltaqgħu magħhom ir-refuġjati, li huma distinti mid-diffikultajiet li jiffaċċjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi oħra[42].

63. Il-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lill-Istati Membri ma għandux jintuża minnhom b'mod li jippreġudika l-għan tad-Direttiva 2003/86, li huwa dak li tippromwovi r-riunifikazzjoni tal-familja u l-effettività tagħha[43].

64. Issa, li jiġi rikjest minn refuġjat-sponsor, li ħalla jiskadi t-terminu ta' tliet xhur previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86 li jippreżenta applikazzjoni ġdida għal riunifikazzjoni tal-familja taħt is-sistema ordinarja tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jippreġudika n-natura effettiva tad-dritt, inizjalment ipprivileġġat, tar-refuġjati għal riunifikazzjoni tal-familja u jneħħi l-effettività tad-dispożizzjonijiet iktar favorevoli tal-Kapitolu V, li r-refuġjati-sponsors – li huma bħala definizzjoni l-iktar vulnerabbli – huma d-destinatarji tagħhom.

40 Korsiv miżjud minni.

41 Premessa 4 u 8 tad-Direttiva 2003/86.

42 Ara, Green Paper dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu fl-Unjoni Ewropea (id-Direttiva 2003/86/KE) (KUMM(2011) 735 finali), punt 4.2, "Kwistjonijiet oħra relatati mal-ażil", p. 7.

43 Ara l-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet.

65. Fit-tieni lok, kif imfakkar fil-punti 41 sa 47 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/86 għandhom jiġu interpretati u applikati fid-dawl tal-Artikolu 7 u tal-Artikolu 24(2) u (3) tal-Karta, hekk kif jirriżulta, barra minn hekk, mill-kliem tal-premessa 2 u tal-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2003/86. Ir-raġunijiet marbuta ma' eventwali qbiż tat-terminu ta' tliet xhur previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tal-imsemmija direttiva kif ukoll il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(1) ta' din l-istess direttiva għandhom għaldaqstant jiġu eżaminati fid-dawl tal-Artikolu 5(5) u tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/86.

66. B'hekk, l-Istati Membri mhux biss għandhom jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, iżda għandhom ukoll jiżguraw li ma jibbażawx ruħhom fuq interpretazzjoni ta' test tad-dritt sekondarju li tkun f'kunflitt mad-drittijiet fundamentali protetti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [44].

67. Għaldaqstant, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86 ma jistax jiġi interpretat u applikat b'mod li din l-applikazzjoni tkun tikser id-drittijiet fundamentali stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tal-Karta msemmija iktar 'il fuq.

68. Fit-tielet lok, mill-interpretazzjoni sistematika tad-Direttiva 2003/86, jirriżulta li l-Artikolu 5(5) u l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/86 huma klawżoli msejħa "orrizontali" li huma obbligatorji [45]. Huma applikati, waqt kull eżami, kemm proċedurali kif ukoll fuq il-mertu, ta' applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, bħala prinċipji gwida, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet kollha tal-imsemmija direttiva, fosthom l-osservanza tat-terminu ta' tliet xhur. B'hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni jimponi fuq l-Istati Membri, "jagħtu l-attenzjoni dovuta għall-aħjar interessi ta' tfal minorenni" [46]. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/86, dwar il-kundizzjonijiet tal-preżentata u tal-eżami tal-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja u li jfakkar li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom josservaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, fosthom il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal li jidhru fil-paragrafu 5 tal-imsemmi artikolu, waqt l-eżami ta' din l-applikazzjoni.

69. Barra minn hekk, l-eżami tal-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja fuq il-bażi tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86, moqri flimkien mal-premessa 8 ta' din id-direttiva, għandu jieħu inkunsiderazzjoni s-"sitwazzjoni" tagħhom li "[għandha tingħata] attenzjoni speċjali". Waqt l-eżami tal-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, l-awtoritajiet nazzjonali huma marbuta li jindividwalizzaw l-eżami tal-applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni tal-familja, jiġifieri li joperaw approċċ każ b'każ [47], evalwazzjoni eżawrjenti tal-elementi kollha rilevanti f'kull każ [48], filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni fil-każ taċ-ċaħda ta' din l-applikazzjoni, […] in-"natura u s-soliditá tar-relazzjonijiet familjali tal-persuna u t-tul tar-residenza tiegħu (tagħha) fl-Istat Membru u ta' l-eżistenza ta' rbit familjali, kulturali u soċjali ma' pajjiżu/a ta' oriġini [49]" [50]. B'mod partikolari, fil-kuntest ta' dan l-eżami, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha li hemm marbuta mad-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar it-terminu ta' tliet xhur li fih

44 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, EU:2006:429, punt 105), u tat-23 ta' Diċembru 2009, Detiček (C-403/09 PPU, EU:C:2009:810, punt 34).

45 Ara, f'dan is-sens, Green Paper dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu fl-Unjoni Ewropea (Id-Direttiva 2003/86/KE) (KUMM(2011) 735 finali), punt 5.5, p. 9.

46 Ara l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2003/86.

47 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, EU:C:2006:429, punt 64).

48 Ara, f'dan is-sens, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar gwida għall-applikazzjoni, punti 7, "Prinċipji ġenerali", u 7.4, "Valutazzjoni individwali", p. 29.

49 Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/86.

50 *Fil-fatt, pereżempju, ir-refuġjati jiffaċċjaw telf jew diffikultajiet fiż-żamma ta' kuntatt mal-membri tal-familji tagħhom li baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini, u wkoll jistgħu jsibu diffikultajiet sabiex jillokalizzaw lill-membri tal-familja tagħhom jew ma jkunux jafu jekk għadhomx ħajjin. Fi żmien pjuttost qasir wara l-għoti tal-permess ta' residenza abbażi tal-ażil, jista' jkun ikkumplikat sabiex jorganizzaw il-moviment tal-membri tal-familji tagħhom li jkollhom jippreżentaw ruħhom f'ambaxxata jew konsulat u jiġbru d-dokumenti neċessarji kollha għall-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja (ara, f'dan is-sens,* Green Paper dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu fl-Unjoni Ewropea (Id-Direttiva 2003/86/KE) (KUMM(2011) 735 finali), *punt 5.5, p. 9).*

ir-refuġjat-sponsor għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal riunifikazzjoni tal-familja, bħal jekk din l-informazzjoni hijiex ċara, aċċessibbli u ppreżentata fiż-żmien opportun [51], li jistgħu jikkostitwixxu raġuni li tiġġustifika l-qbiż tat-terminu ta' tliet xhur. Terminu tant qasir li ma jiħux inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi personali sabiex jiġi ġġustifikat il-qbiż probabbli ta' dan ikollu bħala effett li jiskoraġġixxi lir-refuġjati milli jippreżentaw applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja u għaldaqstant li jevita l-effettività tal-imsemmija direttiva [52].

70. Konsegwentement, iċ-ċirkustanzi speċifiċi kollha ta' każ partikolari għandhom jiġu identifikati u l-ibbilanċjar tal-interessi individwali u tal-interess pubbliku għandu jkun simili għal dak li jitwettaq f'każijiet simili. Barra minn hekk, l-ibbilanċjar tal-interessi individwali u tal-interessi pubbliċi kkonċernati għandu jkun raġjonevoli u proporzjonat, filwaqt li jiġi żgurat li jittieħed debitament inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tat-tfal minuri [53]. L-ebda element ikkunsidrat b'mod iżolat, bħal qbiż tat-terminu, ma jista' jwassal awtomatikament għal deċiżjoni ta' ċaħda tal-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ippreżentata fil-kuntest tal-proċedura iktar favorevoli tal-Kapitolu V tad-Direttiva 2003/86.

71. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li t-terminu stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86 ma jistax jiġi kkunsidrat bħala terminu ta' dekadenza, li jtemm is-sistema iktar favorevoli tar-refuġjati-sponsors

72. Għaldaqstant, fl-opinjoni tiegħi, ir-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun fis-sens li s-sistema tad-Direttiva 2003/86/KE tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li abbażi tagħha applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet iktar favorevoli tal-Kapitolu V ta' din id-direttiva tista' tiġi miċħuda għas-sempliċi raġuni li ma ġietx ippreżentata fit-terminu ta' tliet xhur, previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tal-imsemmija direttiva, sa fejn dan it-terminu ma jistax jiġi kklassifikat bħala terminu ta' dekadenza u sa fejn din l-applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-Artikolu 7 u tal-Artikolu 24(2) u (3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni tal-familja fl-interess tat-tfal ikkonċernati, bil-għan li jippromwovu l-ħajja tal-familja kif ukoll sabiex jiġi evitat li jiġu ppreġudikati kemm l-għan tad-Direttiva 2003/86 kif ukoll l-effettività tagħha. Barra minn hekk, l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipji gwida ta' din id-direttiva fil-każ ta' ċaħda ta' applikazzjoni ta' riunifikazzjoni tal-familja fis-sens tal-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva, minħabba l-qbiż tat-terminu ta' tliet xhur previst mit-tielet subparagrafu tal-paragrafu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tiġi ġġustifikata mill-fatt li l-eżami ta' applikazzjoni oħra, ippreżentata abbażi tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/86, jieħu inkunsiderazzjoni dawn il-prinċipji gwida.

V. Konklużjoni

73. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi):

1) Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja,

51 Ara, f'dan is-sens, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar gwida għall-applikazzjoni, punt 7.1, "Disponibbiltà tal-informazzjoni", p. 26. Barra minn hekk, il-benefiċjarju tad-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja jista' ma jkollux il-faċilitajiet kollha sabiex jorjenta ruħu fil-proċeduri amministrattivi tiegħu, u ma jkunx jista' jifhem l-aspetti sottili kollha tal-lingwi tal-pajjiż ospitanti tiegħu u l-funzjonament tal-amministrazzjonijiet nazzjonali.

52 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza Dogan, (C-138/13, EU:C:2014:287, punt 57).

53 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill, (C-540/03, EU:C:2006:429, punti 62 sa 64) u s-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, O et (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 81).

f'kawża li tikkonċerna d-dritt ta' residenza ta' membru tal-familja ta' benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja sa fejn, fid-dritt nazzjonali, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva ġew iddikjarati bħala applikabbli b'mod dirett u inkundizzjonat għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja;

2) Is-sistema tad-Direttiva 2003/86/KE tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li abbażi tagħha applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet iktar favorevoli tal-Kapitolu V ta' din id-direttiva tista' tiġi miċħuda għas-sempliċi raġuni li ma ġietx ippreżentata fit-terminu ta' tliet xhur, previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tal-imsemmija direttiva, sa fejn dan it-terminu ma jistax jiġi kklassifikat bħala terminu ta' dekadenza u sa fejn din l-applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-Artikolu 7 u tal-Artikolu 24(2) u (3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni tal-familja fl-interess tat-tfal ikkonċernati, bil-għan li jippromwovu l-ħajja tal-familja kif ukoll sabiex jiġi evitat li jiġu ppreġudikati kemm l-għan tad-Direttiva 2003/86 kif ukoll l-effettività tagħha. Barra minn hekk, l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipji gwida ta' din id-direttiva fil-każ ta' ċaħda ta' applikazzjoni ta' riunifikazzjoni tal-familja fis-sens tal-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva, minħabba l-qbiż tat-terminu ta' tliet xhur previst mit-tielet subparagrafu tal-paragrafu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tiġi ġġustifikata mill-fatt li l-eżami ta' applikazzjoni oħra, ippreżentata abbażi tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/86, jieħu inkunsiderazzjoni dawn il-prinċipji gwida.